# Studji Soċjali

***Soċjetà hija magħmula minn gruppi ta' bnedmin.***
***Dawn il-gruppi ta' bnedmin għalkemm ivarjaw ħafna minn xulxin ilkoll huma mmexxija minn liġijiet u dmirijiet li jagħtu sens lill-azzjonijiet tagħhom.***
***L-istudju ta' dan kollu insejħulu l-Istudji Soċjali.***



L-Istudji Soċjali jgħin lill-istudenti jeżaminaw is-soċjetà li jgħixu fiha. Dan isir permezz ta' **osservazzjoni**, **investigazzjoni** u **interpretazzjoni** ta' diversi aspetti li l-istudenti jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. B'hekk huma mhux biss jitgħallmu fuq is-soċjetà li jgħixu fiha iżda jsiru wkoll konxji tal-ħtiġijiet tagħha. Huwa suġġett li jgħin lill-istudenti jinvolvu ruħhom fil-komunita'.

**Fost it-temi prinċipali li jiġu studjati nsibu:**

- Ix-Xogħol
- Is-Sehem taż-Żgħażagħ
- Il-Familja
- L-Ambjent Kulturali
- Il-Mass Midja
- Globalizzazzjoni
- L-Edukazzjoni
- Gruppi bi Bżonnijiet Speċjali
- Ir-Rwol tal-Mara
- Gvern u Politika
- Ekonomija
- L-Unjoni Ewropea
- Diversità u Tolleranza
- Is-Saħħa



## *L-Istudji Soċjali jista' jwasslek għal diversi opportunitajiet ta' karrieri, fosthom:*

Social Worker, Psikologu, Għalliem, Korp tal-Pulizija, Forzi Armati, Ġurnaliżmu, aġenziji fl-Unjoni Ewropea, Kunsilli Lokali, Avukat, oqsma tal-management, oqsma tat-turiżmu,
karrieri ma' diversi organizzazzjonijiet jew dipartimenti lokali – Eżempju: Dipartiment tal-Kultura, Dipartiment tal-Konsumatur u l-Kompetizzjoni, Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, Qrati, Parlament u l-Kummissjoni Elettorali.